**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU TMIENJA**

**12 ta' JANNAR, 2015**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Marylyn Sammut u Kevin Sam Farrugia.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppesieda l-laqgħa.

**8.1** *Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

8.1.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li b'referenza għall-punt 7.1.1 fir-rigward tal-problema li hemm fi Triq Dun Gejt Muscat k/m Triq Dun Nard Mallia ser jitkellem mal-Perit William Lewis biex jiehu parir ta' x'jista jsir biex tonqos/jitnaħħa l-inkonvenjent li hemm meta tagħmel ix-xita.

8.1.2 Kien hemm qbil li tinġabar stima għall-żewġ ornamenti (qniepen) bil-mutur biex jiżdiedu mal-ornamenti tal-Milied għas-sena li ġejja. Kien hemm qbil ukoll li tissewwa l-ħsara li nqalgħet din is-sena.

8.1.3 Fir-rigward ta' punt 7.2 kien hemm qbil li l-Party tat-tfal li sar kollu bid-donazzjonijiet u bil-€5 li ħallsu l-istess tfal għall-party kien suċċess u r-rigali ta' din is-sena intlaqgħu tajjeb ħafna.

8.1.4 Kien hemm qbil li jiġi ordnat timbru tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra.

8.1.5 Kien hemm qbil li jekk il-bollard ta' informazzjoni li tinsab imkissra viċin il-kappella ta' Bubaqra, ma tinbidilx, għandha titneħħa, minħabba l-periklu li tista toħloq.

8.1.6 Ġew approvati l-minuti tas-seba' seduta ta' din il-leġislatura.

*8.2 Data tal-laqgħa annwali*

8.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ressqu r-rapport ta' ħidma tas-sena 2014 u ġie approvat. **Dok. 1 mehmuż.**

Kien hemm qbil li l-laqgħa annwali għas-sena 2015 issir fit-3 ta' Frar, 2015 fis-sala tal-Kappella ta' Bubaqra, fis-7.15 ta' filgħaxija.

*8.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni : Xogħlijiet u Servizzi*

8.3.1 Il-Membru Kevin Sam Farrugia ġibed l-attenzzjoni li l-bollard ta' informazzjoni li tinsab fejn il-kappella ta' Bubaqra għada ma ġietx imsewwija. Kien hemm qbil li jekk l-MTA ma jsewwuwiex, din għandha titneħħa għax tista tkun ta' periklu.

8.3.2 Is-Segeretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-fotografu Angelo Caruana ta' Caruana Photography ta donazzjoni ta' sett ritratti lill-kull membru tal-Kumitat Amministrattiv li ittieħdu dak inhar tal-ġuramnet tal-ħatra.

Kien hemm qbil li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament ta' din l-għotja u jiġi kkuntatjat biex jiġi ordnat ritratt li jinkludi l-membru l-ġdid Kevin Sam Farrugia.

8.3.3 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn ta' patching fi Triq Fra Gan Marie Zammit. Kien hemm qbil li ssir l-ordni għax-xogħol.

8.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-Kumitat Amministrattiv irċieva rapport mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn infurmah li minn Triq Santa Marija qed jghaddu

vetturi kbar għalkemm hemm it-tabelli li jindikaw li m'għandhomx jgħaddu.

Kien hemm qbil li d-Dipartiment jiġi mwieġeb li l-Kumitat għamel dak kollu meħtieġ u qed jirreferi l-każ lill-Pulizija.

8.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li t-talba ta' bozza ġdida fi Sqaq Sant Antnin ġiet approvata biex titwaħħal. Kien hemm qbil li issir l-ordni għax-xogħol.

8.3.6 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġiebed l-attenzjoni li xi 3 xhur ilu ingħataw numri ġodda lil parti mid-djar fi Triq Bubaqra u tħalliet parti mit-triq bin-numri eżistenti, bil-konsgwenza li fl-istess triq hemm numri doppji. Dan qed joħloq inkonvenjent. Kien hemm qbil li jsir rapport fuq il-każ.

8.3.7 Iċ-Chairperson qal li d-data tal-ikla tal-Milied li ssir bejn il-membri u l-istaff ġiet posponuta għas-Sibt 17 ta' Jannar.

*8.4 Appuntament għas-Seduta li jmiss*

8.4.1 Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-6.35pm u d-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tlieta 3ta' Frar, 2015 fis-7.15pm.

Konfermati, illum ___ ta' Frar, 2015

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**